MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Numru 393/2007

PULIZIJA
SPETTUR MARTIN SAMMUT
SPETTUR LOUISE CALLEJA
VS
JOHN PAUL AGIUS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Paul Agius ta' 28 sena, iben Paul u Mary imwielda Borg, imwieled Pieta' nhar l-4 ta' Lulju 1978, residenti Plot 36, Mons. Alfred Mifsud, Pembroke jew 20, Triq San Klement, Zejtun u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 319678(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar l-1 ta' Mejju 2007, gewwa Plot 36, St. Rita, Mons. Alfred Mifsud Street, Pembroke:

1) B'eghmil zieni kkorrompa lil Ommissis A, minuri ta' Ommissis snin, liema minuri gie fdata lilu, imqar ghal xi

zmien, sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha;
2) Bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Ommissis A kontra l-volonta' taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mgieghla taghmel xi haga, jew joqghodu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Aktar talli huwa kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza datata 27 ta' Novembru 2006 moghtija mill-Qorti tal-magistrati, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

U aktar talli sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali billi kkommetta reat, wara diversi sentenzi li saru definittiva u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (ara fol.117) liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-Verbal ta' l-imputat tat-28 ta' Marzu 2008 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi Illi l-imputat rregistra ammissjoni piena ghal dak li bih gie akkuzat. L-istqarrija tieghu Dok.MSI a fol.17 et seq. hija wahda piena u inekwivokabbli. L-imputat jistqarr illi:

*"It-Tlieta 1 ta' Mejju 2007, jiena kont id-dar gewwa Pembroke fil-kcina. Kien hemm jiena u din it-tifla Ommissis A (cioe t-tifla ta' Ommissis snin, tal-partner ta' hu l-mara tieghi). Il-mara kienet fuqqed tahsel lit-tfal. Dan kien filghaxija pero l-hin ezatt ma  niftakarx. Naf li kien dalam. Li gara kien li qbadt idejn Ommissis A u ghamiltha fuq il-parti privata tieghi fuq il-hwejjeg. Dewwimtha ftit ghax irrealizzajt li allahares kienu t-tfal tieghi. Kif waqaft ghidtilha sorry u li mhux ser naghmel hekk darb'ohra…Jiena jiddispjacini fuq dan li ghamilt."* (a fol.17 u 18)

Dan kollu gie mtenni mit-tifla Ommissis A fix-xhieda taghha fol.39 u 40.

L-imputat jinsab mixli b'reat mahsub taht 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"**203.** (1) Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn Ommissis snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:*

*Izda l-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*

*(a). jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza;*
*(b). jekk id-delitt isir b'theddid jew b'qerq;*
*(c). jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu.*

Illi fis-sentenza ta' l-Appell Kriminali deciza fit-8 ta' Jannar 1996 **Police vs. Thomas Wiffen** inghad:

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but it is something which has to be assessed by the prudent judge - the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases - taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts."*

L-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali f'dik is-sentenza kompliet tghid:

"*For the completed offence and apart from the formal element of the offence, there must be lewd act (atto di libidine) and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which, either by their very nature or of the circumstances in which they are performed, either are directed to the indulgence of sexual appetite, either of the agent or of the victim, and are capable of arousing sexual interest of the victim, are lewd acts of the purposes of the offence in question."*

Illi tqeghied ta' id tifla ta' Ommissis snin fuq il-parti genitali maskili – anki minn fuq il-hwejjeg hi, fil-fehma tal-Qorti 'a lewd act' kif mahsub fl-Artikolu 203, kapaci li tinduci il-korruzzjoni ta' tifla taht d-disgha snin.

It-twerwir li hasset din it-tifla u li ddiskriviet b'semplicita' kbira, pero' bi chiarezza partikolari hija xhieda fiha nnifisa ta tali korruzzjoni. In fatti din it-tifla baqghet imqajjma lejl shih sakemm waslet ommha ghaliex bezghet li l-imputat ser jerga jaghmel ghaliha.

Illi din il-Qorti, b'referenza ghat-tieni akkuza, hi tal-fehema illi gie la darba hemm is-sejbien tal-htija fl-ewwel akkuza, l-akkuza ta' sekwestru ma treggix fil-konfront ta' l-imputat John Paul Agius u dana fuq l-iskorta tad-decizjoni **Il-Pulizija vs Pandolfino**, deciza fid-19 t'Ottubru 2006 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per Imhallef Galea Debono:

***"Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.***

***Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u fir-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra.***

***Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru."***

(vide sentenza **Pulizija vs. Dennis Pandolfino et.** (Per Imhallef Dr. Joseph Galea Debono) deciza fid-19 ta' Ottubru 2006)

Illi d-difiza, minn naha taghha, resqet il-psikologu Bernard Caruana li xhed fit-tul fuq l-imputat u ezaminat z-zewg kopji ta' rapport wiehed tieghu Dok.BC1 u Dok.BC2. Il-psikologu ta wkoll l-isfond tax-xoghol ta' l-imputat – cioe li jnaddaf kompjuters minn materjal pornografiku fosthom

dak pedofelu wkoll u kif dan l-*exposure,* influwenza lill-imputat f'perijodu meta kien ghaddej minn hafna anzjeta' u *stress*. Il-psikologu Caruana kkonkluda li l-imputat ma kienx jbaghti minn "*any serious mental disorder or severe personality pathology."* (page 5 ta' Dok.BC1) u kkonkluda li l-imputat ghandu jibbenefika minn terapija ta' psikologu kliniku.

Di piu' l-imputat talab l-ghajnuna ta' l-Ispettur Paul Caruana biex jsib mezz kif jibqa' jaghmel xoghol tieghu minghajr ma jigi espost ghal pornografija inkluz dik fuq it-tfal u nstalla programm "Deep Freeze" li jista' jghinu ghal dan il-ghan. Pero', din mhiex "a water tight *safeguard"* kif tajjeb jispjega l-istess Spettur Paul Caruana.

Illi il-Qorti qieset fit-tul meta giet biex tikkonsidra piena fil-perametri legali, piena li hija proporzjonata ghal eghmil ta' l-imputat, u giet mistiedna mid-Difiza tikkonsidra piena anqas mil-minimu stabbilit mill-Ligi ghal dan ir-reat.

Illi minkejja li din il-Qorti kkonsidrat il-fatt li l-imputat huwa mizzewweg b'erbghat itfal zghar hafna, minkejja r-rakkomandazzjoni tal-psikologu Caruana, din il-Qorti ma gietx mgharfa b'ragunijiet jew b'fatturi specjali u straordinarji, tali li jippermettulha takkorda piena anqas mill-minimu stabbilit skond il-Ligi.

Ghal kuntrarju, l-imputat huwa recediv ghal darba, tnejn, tlieta, gie moghti diversi opportunitajiet mill-Qorti tal-Gustizzja u di piu', ir-reati odjerni li jinstab mixli bihom l-imputat, gew kommessi f'perijodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Illi ghal dawn il-motivi u fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, John Paul Agius, hati ta' l-ewwel (1) akkuza, mhux hati tat-tieni (2) akkuza li minnu tilliberah, hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza u wara li rat Artikoli

203, bl-aggravju kontemplat fl-Artikoli 203 (1)(a) u 1(c), Artikoli 28A sa H, 49 u 50 kollha taht il-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal tlett snin u tlett xhur prigunerija oltre' sentejn prigunerija nflitta fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati per Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera tas-27 ta' Novembru 2006 - b'kollox hames snin u tlett xhur prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f'arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------